MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' April, 2009

Appell Kriminali Numru. 82/2009

**Il-Pulizija**
**(Maggur George Farrugia)**

**Vs**
**George Pace**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fil-kwalita’ tieghu ta’ direttur u/jew rappresentant guridiku tas-socjeta’ Presidential Holdings Ltd, b’indirizz irregistrat President Hotel, Triq il-Qaliet, St. Julians, Malta, u/jew bhala l-persuna li kien inkarigat mill-istess socjeta’ sabiex ihallas il-pagi dovuti, naqas li jhallas il-pagi kollha kif hemm fil-prospett anness, fl-ammonti kif hemm elenkat fil-prospett, bl-ammont globali jkun ta’ LM11,306.79 ekwivalenti ghal €26,337.73 dovuti lill-impjegati w ex-impjegati tas-socjeta’ fuq imsemmija kif indikat fl-istess prospett.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-4 ta’ Marzu, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 5, 22 u 45 tal-Kap. 450 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu w ikkundannatu multa ta’ mitejn u hamsin Euro (€250).
Il-Qorti inoltre ordnat lill-appellant sabiex sa zmien tlett (3) xhur ihallas lill-ex impjegati tieghu is-segwenti ammonti :-

- Lil Ivan Camilleri l-ekwivalenti f’euro tas-somma ta’ tmien mija w hamsa w sittin lira Maltin u erbatax-il centezmu (LM865.14);
- Lil Chris Calleja l-ekwivalenti f’Euro tas-somma ta’ seba’ mija w hamsa w sittin lira Maltin u tmienja w hamsin centezmu (LM765.58);
- Lil Robert Formosa l-ekwivalenti f’Euro tas-somma ta’ elf disa’ mija w disgha liri Maltin u tlieta w sittin centezmu (LM1909.63);
- Lil Antonella Cilia l-ekwivalenti f’euro tas-somma ta’ disa’ mija w erbgha w ghoxrin lira Maltin u sitta w tletin centezmu (LM924.36);
- Lil Bernardette Gauci l-ekwivalenti f’Euro tas-somma ta’ tmien mija w tlieta w tletin lira Maltin u tmintax-il centezmu (LM833.18).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-10 ta’ Marzu, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar is-sentenza appellata w ta’ din l-imputazzjoni tiddikjarah mhux hati w tilliberah skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet ix-xhieda fl-udjenza tas-16 t’April, 2009.

Semghet it-trattazzjoni fl-udjenza tal-lum.

Illi l-argument principali tal-appellant huwa li ma saritx prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li huwa kien

qieghed jidher fil-vesti jew ta’ direttur jew ta’ ufficjal tas-socjeta’ Presidential Holdings Ltd. Pero’ mix-xiehda kollha impjegati tal-istess socjeta’ rrizulta b’mod lampanti li kien l-istess appellant George Pace li kien jiggestixxi l-lukanda President Hotel ghan-nom tal-istess socjeta’. Din il-Qorti hi konvinta sal-grad tac-certezza morali li fil-fatt hekk kien, u konsegwentement ghall-fini tal-artikolu 46 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta’ Malta jirrizulta ampjament li l-appellant kien jidher li “qed jagixxi f’kariga tali” w cioe’ ta’ direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor tal-istess socjeta’, l-appell jidher li huwa infondat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------